## IT-TMIENJA U GĦOXRIN ĦADD
## "KOLLOX LEST. EJJEW GĦALL-FESTA"

***Daħla:*** Insellmulkom. Illum, Ġesù se jkellimna b'parabbola oħra. Alla Missierna jħobbna ħafna. Il-parabbola tallum turina kif aħna lkoll, iva aħna lkoll, mistiedna għall-festa tat-tieġ ta' Bin Alla. Ħasra li Ġesù jistqarr li xi wħud m'għandhomx aptit ta' festa, oħrajn għajjurin u oħrajn vjolenti saħansitra. Imma l-istedina hi għal kulħadd. "Kollox lest. Ejjew għall-festa". Hekk qiegħed jistedinna Missierna llum stess. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Diġa' fl-Antik Testment Alla jurina li għalih il-laqgħa mal-ħbieb tiegħu hi festa kbira.

***Responsorju tas-Salm:*** **Ngħammar f'dar il-Mulej sakemm indum ħaj.**

***It-Tieni Qari:*** San Pawl jgħallimna mill-esperjenza tiegħu stess li f'nofs kull taħbit u bżonn il-qawwa tiegħu jsibha f'Alla li jemmen fih.

***Offertorju:*** *(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Irressqu l-offerti tagħna b'qalb ġeneruża flimkien mal-ħobż u l-inbid. Inkantaw...

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben, l-animatur igħid)*
It-Tqarbin hu simbolu sagramentali tal-ikla tat-tieġ li l-Missier qed jistedinna għaliha fil-Ġenna. Nersqu bi gratitudni. Inkantaw....

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Missier, grazzi li stedintna għat-tieġ ta' Ġesù mal-Knisja l-għarusa tiegħu. Grazzi li titmana bl-ikel tas-salvazzjoni. Ngħidu (JEW) inkantaw...

***Kant tal-Għeluq...***